European Arrest Warrant

Art 15(3) u 17 tal-Kap 276 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Estradizzjoni)

Helsien mill-Arrest - Art 5(1)(f)(3) u (4) tal-Konvenzjoni Ewropea

Art 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea

QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

- Sede Kostituzzjonali -

MHALLEF

ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.

Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2017

Kawza Numru : 2
Rikors Kostituzzjonali Numru : 45/2016/LSO

Angelo Frank Paul Spiteri (ID.0265103L)

vs

L-Avukat Generali

Il-Qorti,

I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ **Angelo Frank Paul Spiteri (ID. 0265103L)** datat 10 ta’ Mejju 2016 fejn espona: -

Illi fit-18 ta' Dicembru 2015 ir-rikorrent tressaq taht arrest mill-Pulizija ta' Malta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti) wara l-hrug kontrih ta' Mandat t'Arrest Ewropew datat 6 ta' Awwissu 2015 li kien mahrug mill-Ufficju tal-Prosekutur Generali tal-Litwanja, il-hrug tal-allert fis-Sistema tal-Informazzjoni ta' Schengen datat 3 ta' Settembru 2015 u l-hrug tac-certifikat tal-Avukat Generali datat 4 ta' Settembru 2015, *ai termini* tal-Artikoli 6 u 7 tal-Avviz Legali 320 tal-2004;

Illi dan il-Mandat t'Arrest Ewropew hareg ghax ir-rikorrent kien imfittex mill-awtoritajiet kompetenti gudizzjarji tal-Litwanzja ghall-finijiet ta' investigazzjoni dwar allegati reati ta' falsifikar ta' dokumenti amministrattivi;

Illi dakinhar stess li tressaq taht arrest fit-18 ta' Dicembru 2015 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti) li r-rikorrent talab u nghata l-helsien mill-arrest essenzjalment fuq depozitu ta' €5,000 (hamest elef ewro) u garanzija personali ta' €10.000 (ghaxart elf ewro), apparti l-obbligu li jiffirma kuljum fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra;

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti in virtu tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta) datata 15 ta' Jannar 2016, ir-rikorrent gie ordnat li jkun estradit lejn ir-Repubblika tal-Litwanja;

Illi mill-mument li inqrat is-sentenza tal-Qorti Rimandanti fil-15 ta' Jannar 2016, ir-rikorrent inzamm arrestat u effettivament tilef, mhux b'xi nuqqas tieghu, il-helsien mill-arrest li kellu sa minn dakinhar tal-prezentata tat-18 ta' Dicembru 2015;

Illi r-rikorrent appella mis-sentenza tal-Qorti Rimandanti lill-Qorti tal-Appell Kriminali u fil-mori tal-appell huwa intavola rikors ghall-helsien mill-arrest;

Illi b'digriet moghti fis-26 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet it-talba li ghamel ir-rikorrent ghall-helsien mill-arrest u dan wara li l-Qorti ccitat l-artikoli 15(3) u 17 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta) li essenzjalment jiddisponu li mill-mument li l-Qorti Rimandanti taghti d-decizjoni taghha fuq bazi *prima facie,* li l-akkuzat ghandu jintbaghat lejn il-pajjiz li taghmel it-talba, l-akkuzat jinzamm arrestat sakemm jigi estradit, jghaddi kemm jghaddi zmien sa dakinhar u l-akkuzat ma jista' **qatt** jitlob il-helsien mill-arrest;

Illi mit-18 ta' Dicembru 2015 sal-15 ta' Jannar 2016 meta inghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), ir-rikorrent osserva skruplozament il-kondizzjonijiet kollha li kellu tal-helsien mill-arrest;

Illi mill-15 ta' Jannar 2016 sal-lum ir-rikorrent qed jinzamm taht arrest fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u dan la ghax kiser xi kondizzjoni tal-helsien mill-arrest u lanqas ghax gie misjub hati ta' xi reat izda semplicement ghax l-Att dwar l-Estradizzjoni, senjatament l-artikoli 15(3) u 17 tieghu, jipprekluduh b'mod kategoriku u assolut li imqar jittanta jitlob il-helsien mill-arrest wara d-decizjoni fuq bazi *prima facie* u jekk kellu (kif inhu l-kaz tar-rikorrent) l-helsien mill-arrest huwa jitlef tali helsien; u bl-istess mod il-Qorti hija prekluza b'mod kategoriku u assolut milli jkollha xi forma ta' diskrezzjoni jekk tismax jew jekk tikkunsidrax xi talba ghall-helsien mill-arrest;

Illi tali stat ta' fatt u ta' arrest indefinit u minghajr lanqas id-dritt li jitlob il-helsien mill-arrest wara d-decizjoni tal-Qorti Rimandanti huwa leziv tad-dritt fondamentali tieghu ghal-liberta' u ghall-procediment gust u dan kif imharsa taht l-artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi effettivament l-artikoli 15(3) u 17 tal-Att dwar l-Estradizzjoni jaghmlu l-arrest mandatorju fil-kaz tar-rikorrent;

Illi l-artikoli 15(3) u 17 tal-Att dwar l-Estradizzjoni huma nulli in kwantu mhux talli biss ma jippermettux lill-Qorti gudikanti taghtih helsien mill-arrest wara d-decizjoni tal-*prima facie*, izda sahansitra jipprivaw lill-akkuzat li jkun qed igawdi l-helsien mill-arrest minn tali liberta';

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-Artikoli 15(3) u 17 tal-Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Estradizzjoni) jikkozzaw ma', u jiksru l-artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittjiet tal-Bniedem;

2. Tiddikjara li l-arrest tar-rikorrent mill-15 ta' Jannar 2016 huwa wiehed illegali inkwantu qed isehh in forza tal-Artikoli 15(3) u 17 tal-Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Estradizzjoni) li qed jiksru l-Artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittjiet tal-Bniedem;

3. Tordna l-helsien mill-arrest tar-rikorrent taht dawk il-kundizzjonijiet li kellu skont id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti tat-18 ta' Dicembru 2015;

4. Tillikwida kumpens xieraq li l-intimat ghandu jigi ordnat jhallas lir-rikorrent minhabba d-deprivazzjoni tal-liberta' tieghu mill-15 ta' Jannar 2016;

5. Tordna lill-intimat jhallas tali kumpens hekk likwidat;

Bl-ispejjez.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta’ Mejju 2016.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali datata 16 ta' Mejju 2016 a fol 52 tal-process fejn espona bil-qima:

Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija li allegatament *"tali stat ta' fatt u ta' arrest indefinit u minghajr lanqas id-dritt li jitlob il-helsien mill-arrest wara d-decizjoni tal-Qorti Rimandanti huwa leziv tad-dritt fondamentali tieghu ghal-liberta' u ghall-procediment gust u dan kif imharsa taht l-artikoli 5 (1), 5 (3), 5 (4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem".*

Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi *in linea* preliminari, ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju *ai termini* tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (5) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) *stante* li mhux ghajr appell mid-Digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet *'Il-Pulizija vs Angelo Frank Paul Spiteri'* (Appell Kriminali 9/2016). Kif gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza nostrana, din il-Qorti kif adita m'hijiex Qorti ta' revizjoni u dan peress li m'hijiex il-funzjoni taghha li tiddeciedi jekk Qrati ohra ddecidewx vertenza sew jew le, izda biss jekk tali decizjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali tal-individwu.

2. Illi *in linea* preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxi n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan peress li fil-kuntest tal-estradizzjoni jew f' kuntest ta' *European Arrest Warrant* ma tigix determinata l-ebda *criminal charge* in konfront tal-persuna koncernata.

Ebda ksur tal-Artikolu 5 (1), 5 (3) u 5 (4) tal-Konvenzjoni Ewropea

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, jibda biex jinghad li skont il-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, persuna ghandha dritt ghall-kumpens, biss, jekk jirrizulta li l-arrest jew detenzjoni taghha tkun saret bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Dan ifisser li sabiex persuna tkun intitolata ghal kumpens huwa mehtieg li turi li c-cahda tal-liberta' taghha ma kinitx taqa' taht wahda mic-cirkostanzi msemmija fl-Artikolu 5(1).

Illi f' dan il-kaz, l-arrest tar-rikorrenti kienet tinkwadra ruhha perfettament taht il-paragrafu (f) tal-Artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni, b'dana li l-arrest tar-rikorrenti sehh *stante* l-proceduri ta' estradizzjoni naxxenti minn *European Arrest Warrant* f' liema proceduri l-Qorti Rimandanti ordnat fil-15 ta' Jannar 2016 sabiex ir-rikorrenti jintbaghat il-Litwanja. Illi tali arrest kien wiehed legittmu skont il-qafas legali li jipprovdi l-Att dwar l-Estradizzjoni.

Illi bhala fatti johrog mill-atti tal-proceduri tal-Qorti Rimandanti jirrizulta li r-rikorrenti gie mressaq taht arrest fit-18 ta' Dicembru 2015 u wara li l-Qorti Rimandanti ddecidiet l-eccezzjonijiet kollha mqajma mid-difiza, fil-15 ta' Jannar 2016 sabet li r-rikorrenti kellu jintbaghat il-Litwanja. Illi galadarba nharget tali ordni, skont l-Att dwar l-Estradizzjoni, ir-rikorrenti kellu jinzamm taht kustodja sakemm tigi ezegwita l-ordni moghtija mill-Qorti Rimandanti.

L-esponenti jirreferi ghall-awturi stabbiliti f'dan il-kamp **Harris, Boyle & Warbrick** illi jghallmu illi:

'*Detention may be justified by Article 5 (1) (f) even though a formal request or an order for extradition has not been issued, provided that enquires have been made, since the enquires amount to 'action' being taken in the sense of that provision. Likewise, detention may be within Article 5 (1) (f) even though deportation or extradition does not in fact* occur'.

Ghalhekk fil-kaz odjern ghandna kaz li jiggustifika l-arrest u l-privazzjoni tal-liberta' tar-rikorrenti abbazi tal-Artikolu 5 (1) (f) tal-Konvenzjoni Ewropea bil-konsegwenza li d-detenzjoni tar-rikorrenti hija wahda gustifikabbli u permissibbli u dan peress li l-arrest tar-rikorrenti sar f' kuntest ta' proceduri ta' estradizzjoni kontra tieghu.

4. Illi galadarba gie stabbilit li l-arrest tar-rikorrenti kien imsejjes skont kif jipprovdi l-Artikolu 5 (1) (f) tal-

Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu n-nuqqas ta' applikabbilta' tal-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni u dan peress li l-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni japplika jekk id-detenzjoni jew arrest isir fuq suspett ragjonevoli li persuna tkun wettqet reat u cioe' jekk id-detenzjoni ssir abbazi tal-Artikolu 5 (1) (c) tal-Konvenzjoni. Illi kif diga' nghad aktar 'il fuq id-detenzjoni tar-rikorrenti saret f' kuntest ta' estradizzjoni bil-konsegwenza li galadarba li l-arrest tar-rikorrenti sar skont dak li jipprovdi l-Artikolu 5 (1) (f), l-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni mhux applikabbli ghall-kaz odjern.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha tezamina jekk il-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tar-rikorrenti hijiex wahda gustifikata u permissibbli fil-qafas tal-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottometti li mill-atti processwali jirrizulta li l-proceduri ta' estradizzjoni tar-rikorrenti gew mismugha b'eccellarita' u speditezza. In fatti mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti ttella' b'arrest minnufih quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-gurnata tat-18 ta' Dicembru 2015 u cioe' ftit tas-sieghat wara li gie arrestat u dan bi tharis tal-ewwel parti tal-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni.

Illi meta deher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja r-rikorrenti ghamel talba ghall-helsien mill-arrest *(bail)* liema talba fic-cirkostanzi ntlaqghat b'numru ta' kundizzjonijiet u r-rikorrenti inheles mill-arrest. Eventwalment meta l-Qorti Rimandanti ordnat li r-rikorrenti jintbaghat il-Litwanja l-beneficcju tal-helsien mill-arrest

tnehha. Illi fuq appell tar-rikorrenti, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Frar 2016 kkonfermat l-ordni moghtija mill-Qorti Rimandanti fil-15 ta' Jannar 2016.

Illi ghalhekk ma jistax jinghad li l-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrenti kien b'xi mod kappriccjuz, specjalment meta hemm ordni ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex ir-rikorrenti jintbaghat il-Litwanja.

Ghaldaqstant, thares minn fejn thares dan kollu ghandu jwassal lil dina l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara li anke fuq dan il-punt ir-rikorrent certament li ma garrabx l-ebda vjolazzjoni tad-dritt tieghu protett permezz tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

6. Illi ghal dak li jirriwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 5 (4) tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu li dan is-subinciz jipprovdi li persuna privata mil-liberta' taghha ghandu jkollha a dispozizzjoni taghha l-possibilita' li jistitwixxi proceduri sabiex tigi mistharrga l-legalita' ta' tali arrest. Illi l-esponenti jirrileva li hemm a dispozizzjoni tar-rikorrenti kemm il-procedura mahsuba fl-Artikolu 412B tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprospetta wkoll il-possibilita' li tigi attakkata l-validita' tal-kontinwita' tal-arrest kif ukoll il-procedura kostituzzjonali li tahseb ghall-possibilita' ta' stharrig tal-legalita' tal-arrest. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jilmenta li ma ghandux mekkanizmu sabiex jikkontesta l-legalita' tal-arrest tieghu.

Isegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.

Ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea

7. Illi l-kwistjoni li qed jillamenta minnha r-rikorrenti huwa nuqqas ta' access ghall-Qorti naxxenti mill-fatt li l-Att dwar l-Estradizzjoni huwa car li galadarba l-Qorti Rimandanti ddecidiet li r-rikorrenti kellu jintbaghat il-Litwanja l-ligi stess qieghdha tipprekludih milli jitlob l-helsien mill-arrest bil-konsegwenza li gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif garantit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

8. Illi in kwantu ghal dak li jirrigwarda tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibda biex jissottometti li l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstema' minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi. L-Artikolu 6 (1) jipprovdi wkoll li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti soffriex ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq, irid jigi ezaminat il-process kollu fit-totalita' tieghu. L-esponenti jirrileva illi ma sar xejn matul il-process relattiv ghar-rikorrenti li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiggudika.

Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta' ntralc ta' smigh xieraq liema salvagwardji jiggarantixxu process xieraq u smigh gust.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-procedura in konfront tar-rikorrenti giet determinata minn 'qorti' u cioe' mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk ir-rekwiziti ta' 'tribunal' li ghalih jirreferi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa sodisfatt u f'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Le Compte, Van Leuven and Meyere** deciza fit-23 ta' Gunju 1981 fejn gie stabbilit illi: "... *the use of the term "tribunal" is warranted only for an organ which satisfies a series of further requirements - independence of the executive and of the parties to the case, duration of its members' term of office, guarantees afforded by its procedure - several of which appear in the text of article 6 (1) itself."*

Illi l-fatt fih innifsu illi l-Qorti hija presjeduta minn Imhallef jew Magistrat, skont il-kaz partikolari, huma garanzija fiha nnfisha ta' indipendenza u imparzjalita'. In oltre, il-procedura nnifisha toffri garanziji estensivi biex jissalvagwardjaw lill-gudikant minn pressjonijiet esterni. Fil-kaz **Piersack** deciz fl-1 ta' Ottubru 1982 il-Qorti Ewropea osservat illi *'Whilst impartiality denotes absence of prejudice or bias, its existence or otherwise can, notably under Article 6 par. 1 of the Convention, be tested in various ways. A distinction can be drawn in this context*

between a subjective approach, that is endeavouring to ascertain the personal conviction of a given judge in a given case, and an objective approach, that is determining whether he offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect'.

9. Illi kemm il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Rimandanti kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidraw *funditus* id-difizi u l-aggravju mqajjma tar-rikorrenti izda ma qablitux ma' dak sottomess mill-istess rikorrenti. Illi kienu dawn ic-cirkostanzi kollha fl-assjem taghhom li ma hallew l-ebda dubbju la fil-Qorti tal-Magistrati lanqas fil-Qorti tal-Appell Kriminali li kien ser ikun ingust jew oppressiv li r-rikorrenti jigi mregga lura lejn il-Litwanja. Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ghaddiet in gudikat u r-rikorrenti ma jistax f' dan l-istadju jallega li gie lez id-dritt tas-smigh xieraq. Illi l-istess jinghad fuq id-Digriet moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali li bih giet michuda t-talba ghall-helsien mill-arrest tar-rikorrenti.

Illi skont l-awturi Jacobs, White & Ovey fil-publikazzjoni taghhom **The European Convention on Human Rights** (sitt edizzjoni) *'Proceedings which take place after conviction and sentence have become final fall outside Article 6. Thus this provision does not cover an application by a convicted prisoner for release on probation or parole, or for a new trial, or for review of his sentence after the decision has become res judicata. Nor does Article 6 (1) apply on an application for provisional release pending trial*

nor to proceedings following a decision that an applicant is unfit to plead a criminal charge'.

10. Illi l-esponenti jirrileva ukoll li l-fatt li ligi tipprovdi access limitat ghall-Qorti bl-ebda mod ma jfisser li hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Tali restrizzjonijiet u limitazzjonijiet huma permissibbli u mhux lezivi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Illi l-punt kardinali relatat mal-kaz odjern jibqa' li dan id-dritt ta' access jista' jkun limitat u dan kien stabbilit mill-inqas sa mill-1994 fil-kaz *Fayed v UK.* Il-Qorti Ewropea stabbiliet ukoll f' diversi kazijiet illi anke meta individwi jkunu prekluzi milli jadixxu lill-qorti ghal ragunijiet differenti, dan ma jwassalx ghal ksur tad-dritt ta' access ghall-qorti.

F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferi wkoll ghad-decizjoni fl-ismijiet *Devenney v. The United Kingdom* fejn il-Qorti Ewropea osservat illi dawn il-limitazzjonijiet '...*are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State'.*

Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.

Ebda ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea

11. Illi mhux siewja l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huwa m'ghandux rimedju taht il-ligi domestika sabiex it-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest tigi kkunsidrata, dan bi ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

L-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jezigix xi procedura partikolari dwar kif ghandu jinghata r-rimedju. L-importanti huwa li jinghata rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali. Fil-fehma tal-esponenti din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha hija awtorita` nazzjonali li tista' taghti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li sehhew infrazzjonijiet konvenzjonali. Tassew hija ghandha s-sahha li taghti kumpens morali lir-rikorrenti jekk huwa jinghata ragun fl-ilmenti tieghu.

Fi kliem iehor, l-artikolu 13 ma jitlobx li r-rimedju ghandu jkun fil-qafas tal-proceduri ordinarji kif donnu qed jippretendi r-rikorrenti. Bil-kontra l-importanti huwa li jkollok rimedju quddiem awtorita` nazzjonali, dan irrispettivament jekk bil-mezz ta' talba quddiem il-Qrati ordinarji jew bil-mezz ta' kawza kostituzzjonali/konvenzjonali.

Hekk per ezempju ilment taht l-artikolu 13 kien gie mwarrab mill-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza *Nazzareno Zarb vs. Malta* deciza fl-4 ta' Lulju 2006, ghaliex ghan-nuqqas fil-ligi ordinarja li tipprovdi ghal rimedju fil-kaz ta' dewmien ingustifikat fil-proceduri, kien jaghmel tajjeb ir-rimedju taht il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem il-qrati b'setghat kostituzzjonali.

Bl-istess kejl hawnhekk, ghalkemm l-Att dwar l-Estradizzjoni ma jipprovdix ghall-ghoti ta' helsien mill-arrest, dan ma jfissirx li r-rikorrenti ma jistax jaghmel it-talba tieghu taht xi ligi domestika ohra. Propriju dawn il-

proceduri ghandhom il-potenzjal li jaghtu dak li qieghed ifittex r-rikorrenti u cioe' rimedju.

Illi bl-intavolar ta' dawn il-proceduri konvenzjonali r-rikorrenti stess qieghed jirrikonoxxi li s-sistema Maltija tipprovdi ghal rimedju domestiku li huwa effettiv. Li kieku ma kienx hekk ir-rikorrenti ma kienx ser joqghod jehlu l-hin u l-flus tieghu biex jiftah dawn il-proceduri.

Ghalhekk safejn ir-rikorrenti qieghed jilmenta minn ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dan huwa manifestamnet infondat jekk mhux ukoll fieragh ghaliex dawn il-proceduri u din l-Onorabbli Qorti bhala awtorita` nazzjonali ghandhom is-setgha li jaghtu rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk kemm-il darba jirnexxielu juri li tassew gew imkasbra lilu xi wiehed mill-jeddijiet fundamentali tieghu kif imhares taht il-Konvenzjoni Ewropea.

Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.

12. Salv eccezzjonjiet ulterjuri

13. Bl-ispejjez

Rat il-verbali tas-seduti tal-Hamis, 9 ta' Gunju 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Jason Azzopardi, Dr Eve Borg Costanzi, u Dr Chris Busietta ghar-rikorrenti prezenti. Dehret Dr Victoria Buttigieg ghal-Intimati, u Dr Mario Cuschieri bhala rapprezentant tal-Pulizija. Il-Qorti ordnat li

tigi esebita kopja legali tal-atti rigwardanti l-estradizzjoni tar-rikorrent Nru 9/16 fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Angelo Frank Paul Spiteri",** li hemm kopja taghhom allegati mal-kawza Kostituzzjonali fl-istess ismijiet odjerni Cit Nru: 23/16/JPG. Billi r-risposti prezentati mill-Avukat Generali ghar-rikors promotur u ghar-rikors 'ad interim' m'humiex fl-atti, Dr Buttigieg giet awtorizzata, u pprezentat *seduta stante*, kopji ta' dawn ir-risposti sabiex jidhlu f'dawn l-atti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni estensiva tad-difensuri tal-partijiet: Dr Eve Borg Costanzi, Dr Jason Azzopardi u Dr Victoria Buttigieg, fir-rigward tar-rikors ghall-*Interim Measures* li gie pprezentat mir-rikorrent. Il-Qorti ordnat lir-Registratur jesebixxi kopja tal-atti b'urgenza. Rifferribbilment ghall-kawza, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li salv l-esebizzjoni tal-atti m'ghandhomx provi ohra f' dan l-istadju. Id-difensuri tal-partjiet huma awtorizzati jipprezentaw in-noti ta' osservazzjonijiet taghhom, b'dan li l-atturi ghandhom sal-1 ta' Lulju 2016 u l-konvenuti sal-1 ta' Awwissu 2016. Ir-rikors 'ad interim' qed jigi differit ghal digriet kamerali ghall-21 ta' Gunju 2016 fid-9:30a.m. Ir-rikors promotur qed jigi differit ghall-11 ta' Ottubru 2016 fl-10:30a.m. ghat-trattazzjoni finali.

Rat id-digriet moghti fil-21 ta' Gunju 2016 fejn il-Qorti kkonkludiet:-

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, ***taqta' u tiddeciedi****, billi tilqa' t-talba u tordna l-helsien mid-detenzjoni tar-rikorrent fil-Faċilita' Korrettiva hekk kif issir in-notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur tas-Servizzi*

Korrettivi, u li jibqa' hekk ħieles sakemm ma jkunx hemm bdil fiċ-ċirkostanzi li nġabu sallum quddiem din il-Qorti għall-konsiderazzjoni tagħha u dan taht il-kundizzjonijiet li sejrin jissemmew :

1. Ghall-perjodu rivedibbli ta' tliet xhur mil-lum.

2. Huwa bl-ebda mod ma jitlaq minn Malta għaż-żmien kollu li dan il-provvediment ikun fis-seħħ;

3. Iżomm lilu nnifsu l-ħin kollu għad-dispożizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' xi uffiċjal ieħor debitament maħtur minnu;

4. Li ma jonqosx milli jidher quddiem din il-Qorti f'kull smigħ tal-kawża sakemm ma jkunx meħlus minn dan minn qabel b'ordni jew digriet mogħti minnha;

5. Sakemm idum fis-seħħ dan il-provvediment il-passaport u l-karta tal-identita' tieghu jinzammu ikkustoditi mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minn ufficjal iehor minnu mahtur verso ricevuta, sakemm ma jkunx hemm ordni mill-qorti jew awtorita' kompetenti. Ghandha tinhareg karta tal-identita` provizorja li fuqha jkun hemm annotat li ma tistax tintuza sabiex ir-rikorrent jitlaq mill-pajjiz b'kwalsiasi mezz ta' transport;

6. Ghandu jiffirma kuljum fl-Ghassa tal-Qawra f'hin bejn is-9.00 ta' filghodu sas-7.00 ta' filghaxija u jirrinkaza kuljum fl-ghaxra ta' filghaxija (10:00pm);

7. Ghandu jiddepozita fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha, s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) u jaghti garanzija personali ta' ghoxrin elf ewro (€20,000);

8. Ir-rikorrent ghandu jibqa' jirrisjedi fil-fond fejn indika bhala r-residenza tieghu meta inghata l-helsien mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti.

9. Ir-rikorrent jitlef il-helsien jekk jonqos milli josserva anke wiehed minn dawn il-kondizzjonijiet.

Tordna li, għall-finijiet ta' l-eżegwibilita' ta' dan il-provvediment, in-notifika msemmija f'dan il-provvediment tkun a karigu tar-rikorrent u li dan il-provvediment huwa eżegwibbli malli jsiru d-depozitu u garanzija u l-konsenja tal-passaport u karta tal-identita' hekk ordnati.

Kull parti thallas l-ispejjez taghha."

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Angelo Frank Paul Spiteri datata 28 ta' Gunju 2016.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 7 ta' Lulju 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Jason Azzopardi, Dr Evelyn Borg Costanzi u Dr Keith Borg ghar-rikorrenti. Dehret Dr Victoria Buttigieg ghall-Avukat Generali u Dr Mario Cuschieri bhala rapprezentant tal-istess. Dr Buttigieg prezentat nota b'kopja ta' sentenza. Inghata Digriet.

Il-Qorti semghet id-difensuri tal-partijiet; Rat li t-talba hija ghall-appuntament tal-kawza billi l-Avukat Generali qed jippretendi dritt ta’ appell. Semghet l-oppozizzjoni tad-difensuri tar-rikorrent, li jikkontestaw li hemm dritt ta’ appell minn 'interim measure’. Ikkonsidrat li din il-Qorti mhix qed tintalab tippronunzja ruhha dwar l-ezistenza *o meno* ta' dritt ta’ appell jew biex taghti 'leave to appeal', u ghalhekk billi appuntat ir-rikors ghal-lum irrizulta li l-mertu tat-talba huwa ezawrit. Zammet ferm id-digriet taghha tal-21 ta’ Gunju 2016. Dr Buttigieg ghamlet referenza ghad-digriet tal-21 ta' Gunju 2016 fejn wahda mill-kunidzzjonijiet imposti minn din l-Onor. Qorti, senjatament il-kundizzjoni numru erbgha (4) timponi b'mod mandatarju li r-rikorrenti ma jonqosx li jidher quddiem din il-Qorti f’ kull smigh tal-kawza sakemm ma jkunx mehlus minn dan minn qabel b'ordni jew digriet moghti minnha. Dr Buttigieg irrilevat wkoll li r-rikorrenti ma attendiex ghas-seduta tal-lum u lanqas irrizulta li nharget xi ordni jew digriet qabel is-smigh tal-kawza sabiex jigi mehlus milli jattendi ghal din is-seduta. Dr Azzopardi ddikjara li kien hu li nforma lill-patrocinat tieghu li ma kellux ghalfejn jattendi, billi s-seduta tal-lum kienet intiza ghal dibattitu ta’ punt legali minghajr xhieda u li qatt ma tilef seduta wahda u dejjem attenda quddiem il-Qorti Kriminali. Il-Qorti, wara li semghet lid-difensuri fuq dan il-punt qieset li billi din il-kawza giet appuntata bl-urgenza u rrikjamata mid-differiment originali, u fin-nuqqas tan-notifika tar-rikjamata, ma akkoljatx it-talba tal-Avukat Generali. Ir-rikors jibqa' ghall-istess differiment originali ghall-11 ta' Ottubru 2016 fl-10:30a.m. ghat-trattazzjoni finali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 15 ta' Dicembru 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Jason Azzopardi, Dr Eve Borg Costanzi u Dr Julian Farrugia ghar-rikorrent prezenti fl-Awla. Deher Dr Maurizio Cordina ghall-Avukat Generali. Il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tal-11 ta’ Ottubru 2016. Id-difensuri tal-partijiet qablu li m'ghandhomx provi aktar u li l-kawza tista' tigi trattata. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Cordina ghamel referenza ghan-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu b'riserva ghall-ezitu tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq l-*Interim Order*. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta’ Jannar 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrent qed jilmenta li l-artikoli **15(3) u 17 tal-Att dwar l-Estradizzjoni** (Kap 276 tal-Ligijiet ta' Malta) huma lezivi tad-drittijiet tieghu kif sanciti mill-**Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** (‘il quddiem imsejjah 'Il-Konvenzjoni') (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta). Essenzjalment qed jilmenta li l-istat ta' fatt ta' arrest u minghajr lanqas id-dritt li jitlob il-helsien mill-arrest wara d-decizjoni tal-Qorti Rimandanti huwa leziv tad-dritt fondamentali tieghu ghal-liberta' u ghall-procediment gust u dan kif imharsa **taht l-artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.** Ghaldaqstant qed jitlob lil din il-

Qorti sabiex tiddikjara li l-arrest tieghu mill-15 ta' Jannar 2016 huwa wiehed ilegali in kwantu qed isehh in forza tal-artikoli 15(3) u 17 tal-Kap 276 sucitati u b'hekk jiksru l-artikoli konvenzjonali imsemmija. Inoltre qed jitlob rimedju kostituzzjonali billi jigi ordnat il-helsien mill-arrest tieghu taht dawk il-kondizzjonijiet ordnati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti fit-18 ta' Ottubru 2015.

L-Avukat Generali oppona ghat-talba[1] billi ssottometta li:

1. r-rikors odjern huwa frivolu, vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju *stante* li din il-Qorti kif adita m'hijiex Qorti ta' revizjoni;

2. Li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax fil-kuntest tal-estradizzjoni jew tal-*European Arrest Warrant* (EAW);

3. Li ma hemm l-ebda ksur tal-**artikoli 5(1) (3) u (4)** tal-Konvenzjoni *stante* li :

- id-dritt ghall-kumpens huwa marbut ma' ksur tal-artikolu skont l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni;

- Li l-arrest tar-rikorrent huwa fost wiehed mic-cirkostanzi gustifikabbli, senjatament skont l-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni;

- L-inapplikabbilita' tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni li tirreferi ghall-kaz ikkontemplat taht l-artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni li mhuwiex il-kaz odjern;

- Anke jekk l-artikolu 5(3) kellu jigi applikat, gie sottomess illi mill-atti processwali jirrizulta li l-proceduri ta'

[1] Risposta a fol 52 tal-process.

estradizzjoni in mertu gew mismugha b'eccellarita' u speditezza.

- Li d-dettam tal-artikou 5(4) tal-Konvenzjoni huwa soddisfatt billi r-rikorrent ghandu a disposizzjoni tieghu rimedju taht **l-artikolu 412B tal-Kodici Kriminali** (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) ghall-fini tal-impunjar tal-kontinwita' tal-arrest oltre proceduri kostituzzjonali;

4. Illi d-dritt ghas-smigh xieraq gie soddisfatt pjenament quddiem il-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kuntest tal-proceduri ghat-treggigh lura tar-rikorrent lil Litwanja. L-istess jinghad ghall-proceduri rigwardanti d-Digriet moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali li bih giet michuda t-talba ghall-helsien mill-arrest tar-rikorrent.

- Illi l-fatt li l-access (ghall-Qorti) huwa limitat mhuwiex vjolattiv tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

5. Illi l-artikolu 13 huwa soddisfatt *stante* r-rikorrent ghandu rimedju quddiem il-Qorti f'Sede Kostituzzjonali.

Fatti fil-Qosor

Ikkonsidrat li l-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni mhumiex in kontestazzjoni. Ir-rikorrent gie mqieghed taht ordni ta' kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura lejn il-Litwanja wara li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, esegwiet Mandat ta' Arrest Ewropew kontrih. B'effett immedjat tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) gie revokat il-helsien mill-arrest li kien qed igawdi pendenti l-proceduri quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, u r-rikorrent baqa' detenut fil-facilita' Korrettiva ta' Kordin sallum salv ghall-perjodu fejn din il-Qorti ordnat ir-rilaxx tieghu permezz

ta' ordni ta' *interim relief,* liema ordni gie revokat fid-9 ta' Jannar 2017 mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.

Kronologija

- 18 ta' Dicembru 2015 ir-rikorrent tressaq taht arrest mill-Pulizija ta' Malta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara l-hrug kontrih ta' Mandat t'Arrest Ewropew datat 6 ta' Awwissu 2015 li kien mahrug mill-Ufficcju tal-Prosekutur Generali tal-Litwanja.

- F'dik id-data tat-**18 ta' Dicembru 2015** talab u nghata l-helsien mill-arrest essenzjalment fuq depozitu ta' €5,000 (hamest elef ewro) u garanzija personali ta' €10,000 (ghaxart elef ewro), apparti l-obbligu li jiffirma kuljum fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra;

- Fil-**15 ta' Jannar 2016** il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti ordnat li jkun estradit lejn ir-Repubblika tal-Litwanja.

- Fis-**26 ta' Jannar 2016** il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet it-talba li ghamel ir-rikorrent ghall-helsien mill-arrest u dan wara li l-Qorti ccitat l**-artikoli 15(3) u 17 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta)**

- Fis-**17 ta' Frar 2016** giet ikkonfermata s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

- Ir-rikorrent intavola proceduri kostituzzjonali pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz *Angelo Frank Paul Spiteri v L-Avukat Generali* (Rik.Kost.23/2016 JPG) u ghalhekk l-ezekuzzjoni ghat-treggiegh lura tar-rikorrent giet sospiza.

- Illi r-rikorrent inzamm arrestat u tilef il-helsien mill-arrest li kellu fil-15 ta' Jannar 2016.

- Fil-**21 ta' Gunju 2016** nghata digriet mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-atti tar-Rikors Kost.45/16 LSO fuq talba ghall-*interim measures.*

- Fid-**9 ta' Jannar 2017** dan id-digriet gie revokat mill-Qorti Kostituzzjonali.

Illi l-fatti mhumiex in kontestazzjoni u hemm qbil li l-punti kontroversi f'dawn il-proceduri huma prettament legali. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tikkonsidra t-talbiet u l-eccezzjonijiet sollevati.

L-Artikoli 15(3) U 17 tal-Kap. 276 (L-att dwar l-Estradizzjoni).

Illi l-**artikolu 15(3) jiddisponi hekk:**

15. (3) *Meta awtorità għal proċediment tkun ġiet maħruġa dwar il-persuna arrestata u l-qorti rimandanti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-provi kollha miġjuba biex isostnu t-talba għat-treġġigħ lura ta' dik l-persuna jew miġjuba f'isem dik il-persuna, li r-reat li dwaru dik l-awtorità tirreferixxi huwa reat ta' estradizzjoni u tkun ukoll sodisfatta:-*
(a) jekk il-persuna hija akkużata bir-reat, illi l-provi jkunu biżżejjed biex jiġġustifika li dik il-persuna tgħaddi proċeduri dwar dak ir-reat li kieku kien sar fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali ta' Malta;
(b) jekk jiġi allegat dwar dik il-persuna li hi ħielsa kontra l-liġi wara li nstabet ħatja ta' reat, illi hi kienet verament

misjuba hekk ħatja u jidher li tkun hekk ħielsa, il-qorti għandha, kemm-il darba ma jkunx projbit li dik il-persuna hekk tintbagħat minn xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, tibgħatha taħt kustodja għall-fini tat-treġġigħ lura tagħha taħt dan l-Att; iżda jekk il-qorti ma tkunx hekk sodisfatta jew ikun hekk projbit li dik il-persuna tintbagħat taħt kustodja għal dak il-fini, il-qorti għandha teħlisha mill-kustodja:

Iżda minkejja kull ordni li jeħlisha minn kustodja dik il-persuna tibqa' f'kustodja sakemm igħaddu tlett ijiem tax-xogħol minn kull ordni bħal dak u, meta jkun sar appell mill-Avukat Ġenerali, sakemm l-appell jinqata' jew jiġi abbandunat, jew l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħelsien ta' dik il-persuna."

L-artikolu 17 jiddisponi:

"17. *(1) Kull persuna mqiegħda jew mibgħuta taħt kustodja skont l-artikolu 15 għandha tintbagħat il-ħabs u għandha tiġi meqjusa bħala persuna li tkun qed tistenna biex isirulha l-proċeduri.*
(2) Dik il-persuna għandha titqies li tkun taħt kustodja legali mill-ħin li hekk titqiegħed jew tintbagħat sakemm tkun 'il barra mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali ta' Malta."

L-Ewwel Eccezzjoni - Li l-proceduri odjerni huma frivoli u vessatorji u abbuzivi tal-process gudizzjarju.

Illi din il-Qorti tibda biex tafferma li taqbel mal-Avukat Generali li mhuwiex il-kompitu taghha li tkun Qorti tal-Appell jew revizjoni dwar il-mertu tas-sentenzi moghtija u li l-kawza odjerna tirrigwarda l-aspetti kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tad-drittijiet invokati. (Ara f'dan is-sens **J.E.M. Investments Limited v Avukat Generali**[2]). B'hekk ma jfissirx li t-talbiet odjerni huma fiergha u vessatorji. Jigi rammentat li fejn ikun hemm element ta' agir fieragh u jew vessatorju fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju.

Illi hekk kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Mark Lombardo et v Kunsill Lokali tal-Fgura et** deciz fit-8 ta' Jannar 2010:

"Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandhiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandhiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara' din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti."

---

[2] Q.K. 30.9.2011 *"23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjeta` rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea."*

Permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrent mhuwiex qed jitlob revizjoni fil-mertu tad-decizjonijiet tal-Qrati ta' kompetenza kriminali, *stante* li ghal dak li jirrigwarda l-ordni tal-helsien, Ir-rikorrent adixxa lil din il-Qorti sabiex tezamina jekk l-artikoli 15(3) u 17 tal-Kap 276 jiksru d-drittijiet tieghu hekk kif protetti skont il-Konvenzjoni Ewropea in kwantu jorbtu idejn il-Qrati tal-Gustizzja (precizament il-Qorti tal-Appell Kriminali) fl-ghoti tal-helsien mill-arrest. Il-Qorti f'din il-kompetenza hija ghalhekk adita biex tiddetermina jekk dawk id-disposizzjonijiet huma lesivi tal-principji u tad-drittijiet konvenzjonali li jemanu mill-artikoli 5, 6 u 13 tal-Konvenzjoni.

Illi fid-dawl tal-premess, hija - fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-lanjanzi imqanqla mir-rikorrent mhumiex semplicement frivoli u/jew vessatorji jigifieri mhumiex fost dawk li " *prima facie*, *m'ghandhomx jitiqesu ta' ebda pregju jew valur, vani, nieqsa mis-serjetà, manifestament nieqsa mis-sens li ma jisthoqqilhomx attenzjoni, u/jew, li gew sollevati minghajr ragunijiet sufficjenti u bl-iskop li ddejqu u jirritaw lill-kontroparti." (*Ara ad ez ***Alan Mifsud v Avukat Generali*** (QK dec. fl-20 ta' Novembru 1990); **Il-Pulizija v Noel Arrigo at.** (Q.K.29.10.2003).

Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li din l-eccezzjoni mhix gustifikata fil-fatt u fil-Ligi u qed tigi respinta.

It-Tieni Eccezzjoni - L-Artikolu 6 ma japplikax fil-kuntest tal-estradizzjoni jew fil-kuntest tal-*European Arrest Warrant.*

Illi l-intimat semma wkoll l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Izda dan l-artikolu ma giex invokat mir-rikorrent u din il-Qorti ser tittratta din l-eccezzjoni fil-kwadru tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Illi **l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi....."* ghaldaqstant l-intimat jargumenta li l-proceduri ta' estradizzjoni u dawk li jirrigwardaw id-decizjoni Kwadru tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew ma jinvolvu l-ebda ezami *ai fini* ta' determinazzjoni ta' htija tal-persuna u b'hekk mhumiex koperti bl-artikolu ccitat.

Illi r-rikorrent jissottometti li ghalkemm huwa veru li l-proceduri ta' estradizzjoni nnifishom ma jiddeterminawx "*a criminal charge",* huma mahsubin sabiex jghaddu ghad-determinazzjoni ta' *criminal charge* u "*ghalhekk ghandha tigi kkunsidrata bhala stadju inizjali tal-proceduri bhala hi l-investigazzjoni, li huwa stabbilit issa li taqa' taht l-Artikolu 6."* [3] Huwa jaghmel riferenza ghall-artikolu 17(1) tal-Kap 276 biex jsostni t-tezi tieghu billi dan is-subartikolu jghid li

[3] Nota ta' sottomissjonijiet para 16.

kull persuna mqiegħda jew mibgħuta taħt kustodja skont l-artikolu 15 għandha tintbagħat il-ħabs u <u>għandha tiġi meqjusa bħala persuna li tkun qed tistenna biex isirulha l-proċeduri."</u>

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' din it-tezi li mhix konfortata kemm b'riferenza ghall-kliem **tal-artikolu 6** kif ukoll mill-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-gurisprudenza kostanti, mhux biss tal-Qrati taghna, imma mill-Qorti Ewropea (ECtHR).

F'dan il-kuntest saret referenza mill-intimati ghas-sentenza l-aktar recenti ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **Philip Mifsud v Avukat Generali (**Rik.Kostituzzjonali 55/2014 AE- mhux appellata) fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-giurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg u osservat hekk:

"Hemm gurisprudenza li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax ghall-proceduri ta'estradizzjoni (ara per ezempju ***H v Spain****, App. 10227/82; E.G.M. v Luxembourg, App.24015/94;* ***Salgado v Spain****, App. 65965/01; u* ***Kirkwood v United Kingdom****, App. 10479/83 decizi mill-Kummissjoni). Hemm ukoll il-kaz ta'* ***Mondero Angora v Spain*** *(App. 41138/05) li b'decizjoni tas-7 ta' Ottubru 2008 gie ddikjarat inammissibbli. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani qalet:*

"the extradition procedure does not involve the determination of the applicant's civil rights and obligations

or of a criminal charge against him within the meaning of Article 6 of the Convention (see Penafiel Salgado v. Spain (dec.), no. 65964/01, 16 April 2002)".

Inoltre skont il-ġurisprudenza nostrana proċeduri t'estradizzjoni huma proċeduri *sui generis* u ma humiex proċeduri ta' natura kriminali fis-sens li dawn il-Qrati ma jiddikjarawx jekk persuna hix ħatja jew le ta' reati ta' natura kriminali. Dan joħroġ ċar mis-sentenza "**Il-Pulizija vs. Raymond Gauci et**"[4] fejn ingħad li: -

*"Kif gja' kellha okkazzjoni taghmel f'decizjoni li tat din il-Qorti, kif presjeduta, illum stess, fl-Appell Kriminali 118/2001 fl-isimijiet 'Il-**Pulizija vs. Fatiha Khallouf',** fi proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qrati taghna ma tezistiex il-figura ta' persuna li tigi mputata jew akkuzata b'reat. F'dawn il-Qrati ma jigix deciz jekk hemmx htija jew le, jekk hemmx responsabbilita' kriminali jew le, ma tigix uzurpata l-funzjoni ta' min finalment ghandu jiggudika. F'dawn il-proceduri ma hemm ebda "criminal charge to be determined". Dawn huma proceduri intizi biex jigi stabbilit jekk hemmx il-presupposti fattwali w formali skont il-ligi, inkluza l-Kostituzzjoni (Art. 43), sabiex talba ta' pajjiz barrani ghat-treggigh lura lejn dak il-pajjiz ta' persuna partikolari tintlaqa'. Effettivament ghandu dejjem jigi nnutat u sottolineat li mhumiex il-Qrati Maltin li jordnaw l-estradizzjoni ta' persuna lejn pajjiz barrani rikjedent, izda tali Ordni ta' Treggigh Lura jinhareg finalment u biss mill-*

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2001.

*Ministru responsabbli ghall-Gustizzja fid-diskrezzjoni tieghu."(*Art.21 tal-Kap. 276).

Il-posizzjoni legali ghal dak li jikkoncerna l-applikabbilita' tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** ghall-proceduri ta' estradizzjoni hija cara. Skont l-awturi in materja, **Harris O'Boyle & Warbrick** (Law of the European Convention on Human Rights (3rd.Ed.[5]) "*Finally extradition proceedings to face a criminal charge in another state are not subject to* ***Article 6[6].*** *Nor are the transfer of a convicted prisoner abroad[7]or the execution of a Euopean Arrest Warrant."[8]*

Illi fil-kaz **Monedero Angora v Spain[9]** il-Qorti Ewropea kkonsidrat kaz ta' estradizzjoni abbazi tal-EAW, u rriteniet :

"With regard to the applicant's complaints under Article 6 of the Convention, the Court reiterates at the outset that the right not to be extradited is not as such one of the rights and freedoms recognised in the Convention and its additional Protocols (see K. and F. v. the Netherlands, no. 12543/86, Commission decision of 2 December 1986, Decisions and Reports 51, p. 272). Furthermore, the extradition procedure does not involve the determination of the applicant's civil rights and obligations or of a criminal charge against him within the meaning of Article 6 of the Convention (see Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), no. 65964/01, 16 April 2002).

---

[5] p.373
[6] **Mamatkulov & Askarov v Turkey 2005-I;41 EHRR 494 GC**
[7] **Szabo v Sweden NO. 28578/03 hudoc (2006) DA**
[8] **Monedro Angora v Spain No 41138/05 hudoc(2008)DA.**
[9] Dec fis 7 ta' Ottubru 2008 (App Nrum 41138/05.

